32006R0950



# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 950/2006

## tat-28 ta' Ġunju 2006

## li jistabbilixxi regoli dettaljati ta' applikazzjoni għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, 2007/08 u 2008/09 għall-importazzjoni u għall-irfinar tal-prodotti taz-zokkor skont ċerti kwoti tariffarji u ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 40(e)(iii) u (f) u 44 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 1(1) tal-Protokoll 3 dwar iz-zokkor AKP (minn issa 'l quddiem: il-"Protokoll AKP") mehmuż ma' l-Anness V għall-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, li kien iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 [2] (minn issa 'l quddiem: il-"Ftehim ta' Sħubija AKP-KE"), u l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Indja dwar iz-zokkor tal-kannamieli [3] (minn issa 'l quddiem: il-"Ftehim ma' l-Indja"), il-Komunità timpenja ruħha li tixtri u timporta, bi prezzijiet iggarantiti, kwantitajiet speċifiċi ta' zokkor tal-kannamieli li joriġinaw fl-Istati AKP u fl-Indja rispettivament u li dawk l-Istati jimpenjaw irwieħhom li jikkonsenjawhom lilha.

(2) L-Artikolu 29(4) tar-Regolament (KE) Nru 318/2001, waqt is-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, 2007/08 u 2008/09, sabiex ikunu żgurati provvisti adegwati lir-raffineriji tal-Komunità, l-applikazzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni taz-zokkor tal-kannamieli għall-irfinar li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 11 10 li joriġina fl-Istati li jissemmew fl-Anness VI għal dak ir-Regolament tiġi sospiża għall-kwantità komplementari.

(3) L-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2820/98, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1763/1999 u (KE) Nru 6/2000 [4], l-importazzjonijiet tal-prodotti taz-zokkor li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1701 u 1702 li joriġinaw fl-Albanija, fil-Bożnja u Ħerżegovina, fis-Serbja, fil-Montenegro u fil-Kosovo [5] huma soġġetti għal kwoti tariffarji annwali bla dazju. Ir-regoli għall-ftuħ u għall-amministrazzjoni ta' dawk il-kwoti tariffarji ġew stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1004/2005 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-ftuħ u għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-prodotti taz-zokkor li joriġinaw fl-Albanija, fil-Bożnja u Ħerżegovina u fis-Serbja, fil-Montenegro u fil-Kosovo, kif inhu pprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 [traduzzjoni mhux uffiċjali] [6]. Fl-interessi tar-razzjonalità, ir-Regolament (KE) Nru 1004/2005 għandu jiġi rrevokat u r-regoli dettaljati ta' applikazzjoni kollha għall-importazzjoni u għall-irfinar tal-prodotti taz-zokkor għandu jinġabru flimkien f'test wieħed.

(4) Skont l-Artikolu 27(2) tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra [7], li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006, il-Komunità għandha tippermetti aċċess bla dazju għall-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti li joriġinaw fl-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1701 u 1702, fil-limitu ta' kwota tariffarja annwali ta' 7 000 tunnellati metriċi (piż nett). Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2151/2005 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-ftuħ u għall-amministrazzjoni tal-kwota tariffarja għall-prodotti taz-zokkor li joriġinaw fl-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kif inhu pprovdut fil-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni

[1] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.
[2] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
[3] ĠU L 190, 23.7.1975, p. 36.
[4] ĠU L 240, 23.9.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1946/2005 (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 1).
[5] Kif ġie ddefinit fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244.
[6] ĠU L 170, 1.7.2005, p. 18.
[7] ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13.

u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra [traduzzjoni mhux uffiċjali] ([1]), fetaħ dik il-kwota mill-1 ta' Jannar 2006. Fl-interessi tar-razzjonalità, f'dan ir-Regolament għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-ftuħ u għall-amministrazzjoni ta' dik il-kwota biex japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 2151/2005 għandu jiġi rrevokat minn dik id-data.

(5) Il-ġestjoni tal-ħtiġiet ta' provvista tradizzjonali ta' zokkor għall-irfinar ipprovduta fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 tirrikjedi regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/7, 2007/8 u 2008/9. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għalhekk, għandha tiġi limitata għal dawk is-snin ta' kummerċjalizzazzjoni.

(6) Ħlief fejn ikun ipprovdut xort'oħra minn dan ir-Regolament, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([2]) u r-regoli speċjali applikabbli għas-settur taz-zokkor stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru zzzz/2006 li jistabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 rigward kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor (ir-Regolament ([3]) il-ġdid dwar il-"ġestjoni tal-pajjiżi terzi") għandhom japplikaw għal-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa skont dan ir-Regolament. Barra minn hekk, biex tkun iffaċilitata l-ġestjoni tal-importazzjonijiet skont dan ir-Regolament u sabiex ikun żgurat li l-limiti annwali jiġu osservati, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati għal-liċenzji tal-importazzjoni għaz-zokkor mhux irfinat, espress bħala ekwivalenti ta' zokkor abjad.

(7) L-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni ta' zokkor li jibbenefika minn prezz iggarantit iridu jkunu akkumpanjati minn liċenzja tal-esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet tal-pajjiż li qed jesporta li tiċċertifika l-konformità taz-zokkor mar-regoli pprovduti fil-ftehimiet ikkonċernati. Fil-każ tas-Serbja, tal-Montenegro u tal-Kosovo, biex jiġi żgurat l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tas-setturi taz-zokkor f'dawn il-pajjiżi, u fid-dawl tal-volum relattivament għoli tal-kwoti tariffarji, l-importazzjonijiet taz-zokkor skont dawn il-kwoti għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni. Għalhekk, il-forma u t-tqassim ta' din il-liċenzja u l-proċeduri biex tintuża għandhom jiġu speċifikati.

(8) Peress li mhemm xejn ipprovdut f'każ li jinqabżu l-kwantitajiet għall-kwoti tariffarji globali li jissemmew fl-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, ir-rata shiha ta' dazju skont it-tariffa doganali komuni trid tapplika għall-kwantitajiet kollha, ikkonvertiti f'ekwivalenti ta' zokkor abjad, li ġew importati minbarra dawk li jintwerew fuq il-liċenzja tal-importazzjoni.

(9) L-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jiffissa l-ħtiġiet ta' provvista tradizzjonali taz-zokkor għall-irfinar skont l-Istat Membru. Biex ikun iggarantit lir-raffinaturi *full-time* fl-Istati Membri kkonċernati li l-liċenzji tal-importazzjoni għaz-zokkor għall-irfinar se jkunu disponibbli għall-kwantità indikata f'dawk il-paragrafi u biex jiġi evitat kwalunkwe abbuż li jippermetti l-iskambju tal-liċenzji, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għaz-zokkor għall-irfinar għandhom ikunu limitati għar-raffinaturi *full-time* fl-Istat Membru kkonċernat sa data ffissata skont it-tip ta' zokkor preferenzjali.

(10) Fil-każ taz-zokkor preferenzjali li jissemma fil-Protokoll AKP u fil-Ftehim ma' l-Indja, minħabba li jista' jinqala' dewmien mhux previst bejn it-tagħbija ta' konsenja ta' zokkor u l-konsenja tagħha, għandha tkun permessa ċerta tolleranza fl-applikazzjoni tal-perjodi ta' konsenja biex jitqies tali dewmien. Barra minn hekk, meta jitqies li dan iz-zokkor huwa kopert, skont il-ftehimiet ikkonċernati, b'obbligi ta' konsenja u mhux bi kwoti tariffarji, skont il-prattiki kummerċjali kurrenti, għandu jkun ipprovdut biex ċerta tolleranza tapplika għall-kwantitajiet totali kkonsenjati waqt perjodu ta' konsenja u fid-data meta jibda dak il-perjodu.

(11) L-Artikolu 7 tal-Protokoll AKP u l-Artikolu 7 tal-Ftehim ma' l-Indja jistabbilixxu dispożizzjonijiet li japplikaw fejn Stat jonqos milli jikkonsenja l-kwantità miftiehma tiegħu waqt perjodu ta' konsenja. Biex jiġu applikati dawk id-dispożizzjonijiet, jeħtieġ li jiġu ddeterminati l-metodi sabiex tkun stabbilita d-data ta' konsenja ta' konsenja ta' zokkor preferenzjali.

(12) Id-dispożizzjonijiet relatati mal-prova tal-oriġini inklużi fl-Artikolu 14 tal-Protokoll 1 mehmuż ma' l-Anness V għall-Ftehim ta' Shubija AKP-KE, fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000 jew fl-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju ([4]), kif ikun xieraq, għandhom japplikaw għall-prodotti importati skont dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 342, 24.12.2005, p. 26.

([2]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 800/2006 (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 7).

([3]) Ara paġna 24 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([4]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 402/2006 (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 35).

(13) Wara l-adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja, u mbagħad tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja fl-Unjoni Ewropea, u fil-kuntest tal-konklużjoni tan-negozjati skont l-Artikolu XXIV tal-GATT, il-Komunità impenjat ruħha li timporta minn pajjiżi terzi kwantità ta' zokkor tal-kannamieli mhux irfinat għall-irfinar b'rata ta' dazju ta' EUR 98 għal kull tunnellata metrika.

(14) Biex jiġu rrispettati l-mudelli tradizzjonali tal-importazzjonijiet tal-kwantitajiet tal-kwoti tariffarji koperti mill-konċessjonijiet stabbiliti fl-Iskeda CXL (il-Komunitajiet Ewropej) li jissemmew fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6 [1], għandhom jittieħdu passi biex, mill-1 ta' Lulju 2006, tkun allokata l-kwota ta' 96 801 tunnellata metrika fost il-pajjiżi tal-oriġini filwaqt li jintuża l-istess mod għad-distribuzzjoni bħal qabel.

(15) Biex jitqies il-fatt li s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07 tkopri ħmistax-il xahar, il-kwoti tariffarji annwali għandhom jiġu aġġustati għal din is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni.

(16) Biex tkun żgurata ġestjoni effiċjenti tal-importazzjonijiet preferenzjali skont dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati miżuri sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu reġistri tad-*data* rilevanti u jirrapportawhom lill-Kummissjoni. Biex jittejbu l-kontrolli, għandu jiġi stabbilit li l-importazzjonijiet tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kwota tariffarja annwali għandhom ikunu mmonitorjati skont l-Artikolu 308d tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

(17) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**L-AMBITU U D-DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jistabilixxi regoli dettaljati ta' applikazzjoni għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, 2007/08 u 2008/09 għall-importazzjonijiet tal-prodotti taz-zokkor li jissemmew fi:

(a) l-Artikolu 1(1) tal-Protokoll AKP;

(b) l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim ma' l-Indja;

(c) l-Artikolu 26(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006;

(d) l-Artikolu 29(4) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006;

(e) l-Iskeda CXL (il-Komunitajiet Ewropej) li tissemma fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1095/96;

(f) l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000;

(g) l-Artikolu 27(2) tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma' l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

2. Il-kwantitajiet importati skont id-dispożizzjonijiet li jissemmew fil-paragrafu 1(c), (d), (e), (f) u (ġ) (minn issa 'l quddiem: "kwoti tariffarji") u skont id-dispożizzjonijiet li jissemmew fil-punti (a) u (b) ta' dak il-paragrafu (minn issa 'l quddiem: "obbligi ta' konsenja") għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, 2007/08 u 2008/09 għandu jkollhom fuqhom in-numri serjali tal-kwota li jintwerew fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "Zokkor AKP/tal-Indja" tfisser iz-zokkor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 li joriġina fl-Istati li jissemmew fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 318/2006 u li ġie importat fil-Komunità skont il-Protokoll AKP jew il-Ftehim ma' l-Indja;

(b) "zokkor komplementari" tfisser il-kwantità komplementari li tissemma fl-Artikolu 29(4) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 li għaliha ġiet sospiża l-applikazzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni taz-zokkor tal-kannamieli għall-irfinar li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 11 10 li joriġina fl-Istati li jissemmew fl-Anness VI għal dak ir-Regolament;

(c) "zokkor tal-konċessjonijiet CXL" tfisser iz-zokkor tal-kannamieli mhux irfinat stabbilit fl-Iskeda CXL (il-Komunitajiet Ewropej) li tissemma fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1095/96;

(d) "zokkor tal-Balkani" tfisser il-prodotti taz-zokkor li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1701 u 1702 li joriġinaw fl-Albanija, fil-Bożnja u Ħerżegovina, fis-Serbja, fil-Montenegro, fil-Kosovo u fl-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u li ġew importati fil-Komunità skont ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 u l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma' l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;

(e) "zokkor ta' importazzjoni eċċezzjonali" tfisser il-prodotti li jissemmew fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006;

(f) "zokkor ta' importazzjoni industrijali" tfisser il-prodotti li jissemmew fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006;

[1] ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.

(g) il-"Protokoll AKP" tfisser il-Protokoll 3 dwar iz-zokkor mehmuż ma' l-Anness V għall-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minnaħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, li kien iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (minn issa 'l quddiem: il-"Ftehim ta' Sħubija AKP-KE")

(h) "Ftehim ma' l-Indja" tfisser il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Indja dwar iz-zokkor tal-kannamieli;

(i) "perjodu ta' konsenja" tfisser il-perjodu ddefinit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll AKP u fl-Artikolu 4 tal-Ftehim ma' l-Indja;

(j) "konsenja" tfisser kwantità ta' zokkor fuq bastiment speċifikat li effettivament jinħatt f'port Ewropew;

(k) "piż *tel quel*" tfisser il-piż taz-zokkor fl-istat naturali;

(l) il-"grad ta' polarizzazzjoni indikat" tfisser il-qari polarimetriku effettiv taz-zokkor mhux irfinat importat, ivverifikat fejn ikun meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali billi jintuża l-metodu polarimetriku, u espress fi gradi sa sitt postijiet deċimali;

(m) "ġurnata ta' xogħol" tfisser ġurnata ta' xogħol fil-Kummissjoni skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 [1];

(n) "irfinar" tfisser l-ipproċessar ta' zokkor mhux irfinat f'zokkor abjad kif ġie ddefinit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, u kwalunkwe operazzjoni teknika ekwivalenti applikata għaz-zokkor abjad bil-kwantità;

(o) "raffinaturi *full-time*" tfisser ir-raffinaturi li jissemmew fl-Artikolu 2 (13) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

KAPITOLU II

**IL-LIĊENZJI TAL-IMPORTAZZJONI**

*Artikolu 3*

L-importazzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet li jissemmew fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni maħruġa skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1291/2000 u (KE) Nru 951/2006, sakemm ma jkunx ipprovdut xort'oħra f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jitressqu mill-partijiet ikkonċernati quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jitressqu kull ġimgħa, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, ibda mid-data li tissemma fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u sakemm il-ħruġ tal-liċenzji jitwaqqaf kif jissemma fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 5(3).

L-applikanti għandhom iressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tagħhom quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu rreġistrati għal finijiet ta' VAT.

L-applikanti jistgħu jressqu liċenzja tal-importazzjoni waħda biss għal kull perjodu ta' ġimgħa u għal kull numru serjali. Fejn, f'ġimgħa partikolari, l-applikanti jressqu iktar minn applikazzjoni waħda għal numru serjali, l-applikazzjonijiet kollha tagħhom f'dik il-ġimgħa għal dak in-numru serjali għandhom jiġu miċħuda u s-sigurtajiet iddepożitati meta tressqu l-applikazzjonijiet għandhom jaqgħu f'idejn l-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-kaxxa 20 tal-applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni u tal-liċenzja għandha tinkludi waħda mill-annotazzjonijiet li ġejjin: "zokkor għall-irfinar" jew "zokkor mhux intenzjonat għall-irfinar". L-annotazzjoni m'għandiex tkun marbuta mal-kodiċi NM li għalih tressqet l-applikazzjoni jew li taħtu se jiġi importat iz-zokkor.

4. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu akkumpanjati minn:

(a) prova li l-applikant iddepożita sigurtà ta' EUR 20 għal kull tunnellata metrika tal-kwantità ta' zokkor indikata fil-kaxxa 17 tal-liċenzja;

(b) fil-każ ta' zokkor għall-irfinar, l-impenn li daħal għalih produttur taz-zokkor approvat skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 biex jirfina l-kwantitajiet ta' zokkor in kwistjoni qabel tmiem it-tielet xahar wara dak meta tiskadi l-liċenzja tal-importazzjoni kkonċernata.

5. Għall-kwoti tariffarji, l-ewwel perjodu biex jitressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandu jibda dakinhar meta tinfetaħ il-kwota in kwistjoni.

Għaz-zokkor AKP/tal-Indja, l-ewwel perjodu biex jitressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandu jibda t-Tnejn qabel l-10 ta' Ġunju tal-perjodu ta' konsenja preċedenti. Madanakollu, fejn il-limitu fuq il-kwantità li trid tkun ikkonsenjata f'perjodu ta' konsenja partikolari jintlaħaq b'relazzjoni għal wieħed mill-pajjiżi li qed jesportaw, l-ewwel perjodu biex jitressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għall-perjodu ta' konsenja sussegwenti b'relazzjoni għal dak il-pajjiż għandu jibda t-Tnejn qabel is-6 ta' Mejju.

*Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mhux iktar tard mill-ewwel ġurnata ta' xogħol ta' kull ġimgħa, bil-kwantitajiet ta' zokkor abjad jew ta' zokkor mhux irfinat, fejn ikun meħtieġ espressi bħala ekwivalenti ta' zokkor abjad, li għalihom, matul il-ġimgħa preċedenti, tressqu applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni, wara li ġie applikat, fejn kien meħtieġ, il-koefficjent ta' aċċettazzjoni pprovdut fl-Artikolu 10(2).

[1] ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1.

Il-kwantitajiet li saret applikazzjoni għalihom għandhom jitqassmu skont kodiċi NM bi tmien numri u għandhom jiddikjaraw is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni jew il-perjodu ta' konsenja kkonċernat, il-kwantitajiet għall-kull pajjiż tal-oriġini u jekk jinvolvux applikazzjonijiet għal liċenzja għal zokkor għall-irfinar jew għal zokkor mhux intenzjonat għall-irfinar. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni anki jekk ma titressaq l-ebda applikazzjoni għal liċenzji tal-importazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprepara reġistri ta' kull ġimgħa bil-kwantitajiet li għalihom tressqu applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni.

3. Fejn l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jilħqu jew jaqbżu l-kwantità ta' wieħed mill-obbligi ta' konsenja skont il-pajjiż ikkonċernat iffissata skont l-Artikolu 12 fil-każ taz-zokkor AKP/tal-Indja, jew ta' waħda mill-kwoti tariffarji fil-każ ta' zokkor ieħor, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni fi proporzjon għall-kwantità disponibbli li l-Istati Membri għandhom japplikaw għal kull applikazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tinforma lill-Istati Membri li, peress li l-limitu kkonċernat intlaħaq, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji m'għadhomx aktar ammissibbli għall-obbligu ta' konsenja jew għall-kwota tariffarja in kwistjoni.

Jekk l-eċċess fuq l-obbligu ta' konsenja għaz-zokkor AKP/tal-Indja għal pajjiż ikkonċernat ikun ta' 5 % jew inqas tal-obbligu ta' konsenja tiegħu u 5 000 tunnellata metrika jew inqas, il-koeffiċjent ta' allokazzjoni għal dak il-pajjiż għandu jkun ta' 100 %.

4. Jekk il-Kummissjoni tkun informat lill-Istati Membri li l-limitu biex jiġu aċċettati applikazzjonijiet għal liċenzji ntlaħaq u li r-reġistri li jissemmew fil-paragrafu 2 jindikaw li kwantitajiet ta' zokkor għadhom disponibbli għall-obbligi ta' konsenja rigward iz-zokkor AKP/tal-Indja jew għall-kwoti tariffarji fil-każ ta' zokkor ieħor, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri li l-limitu in kwistjoni m'għadux milħuq.

*Artikolu 6*

1. Il-liċenzji għandhom jinħarġu fit-tielet ġurnata ta' xogħol wara n-notifika li tissemma fl-Artikolu 5(1). Għall-kwantitajiet li għandhom jinħarġu, fejn ikun xieraq, l-Istati Membri għandhom iqisu l-koeffiċjent ta' allokazzjoni ffissat f'dan il-perjodu mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5(3).

2. Għall-kwoti tariffarji, il-liċenzji għandhom ikunu validi sa tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni li nħarġu għaliha.

3. Fl-ewwel ġurnata ta' xogħol ta' kull ġimgħa, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, b'mod separat għal kull kwota tariffarja jew għal kull obbligu ta' konsenja u għal kull pajjiż tal-oriġini, il-kwantitajiet ta' zokkor li matul il-ġimgħa preċedenti nħarġulhom liċenzji tal-importazzjoni, fejn jagħmlu distinzjoni bejn iz-zokkor għall-irfinar u z-zokkor mhux intenzjonat għall-irfinar.

4. Fil-każ ta' trasferiment ta' liċenzja tal-importazzjoni, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-persuna li lilha ġiet ittrasferita l-liċenzja għandha tinforma immedjatament lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li ħareġ il-liċenzja. L-obbligi tal-importazzjoni u tal-irfinar mhumiex trasferibbli.

5. Għal-liċenzji tal-importazzjoni għal zokkor mhux intenzjonat għall-irfinar u minkejja l-Artikolu 35(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000:

(a) jekk il-liċenzja tiġi rritornata lill-entità li ħarġitha fl-ewwel 60 ġurnata tal-validità tagħha, is-sigurtà mitlufa għandha titnaqqas bi 80 %;

(b) jekk il-liċenzja tiġi rritornata lill-entità li ħarġitha bejn il-61 ġurnata tal-validità u d-data ta' skadenza tagħha, is-sigurtà mitlufa għandha titnaqqas b'50 %

6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mhux iktar tard mill-ewwel ġurnata ta' xogħol ta' kull ġimgħa, bil-kwantitajiet li għalihom ġew irritornati l-liċenzji matul il-ġimgħa preċedenti skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Fil-limitu tal-kwantitajiet tal-obbligi ta' konsenja, kif ġie stabbilit fl-Artikolu 12, u tal-kwoti tariffarji, kif ġie stabbilit fl-Artikoli 19, 24 u 28, il-kwantitajiet stabbiliti fil-liċenzji rritornati skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu miżjuda mal-kwantitajiet tal-obbligu ta' konsenja kkonċernat jew tal-kwota tariffarja kkonċernata.

*Artikolu 7*

1. Kull Stat Membru għandu jżomm reġistru tal-kwantitajiet ta' zokkor abjad u ta' zokkor mhux irfinat li ġew effettivament importati skont il-liċenzji tal-importazzjoni li jissemmew fl-Artikolu 6(1), fejn ikun meħtieġ jikkonverti l-kwantitajiet ta' zokkor mhux irfinat f'ekwivalenti ta' zokkor abjad fuq il-bażi tal-grad ta' polarizzazzjoni indikat, billi japplika l-metodu ddefinit fil-punt III.3 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

2. Fejn ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ma jsirx fl-Istat Membru li ħareġ il-liċenzja tal-importazzjoni, l-Istat Membru tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera għandu jżomm il-liċenzja tal-importazzjoni oriġinali u, fejn ikun meħtieġ, id-dokument supplimentari komplut kif inhu pprovdut fl-Artikoli 22 u 23, u għandu jgħaddi kopja tiegħu lill-Istat Membru li ħareġ il-liċenzja tal-importazzjoni.

3. Skont l-Artikolu 50(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, ir-rata sħiħa tad-dazju tat-tariffa doganali komuni applikabbli fid-data tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, minbarra l-każijiet li jissemmew fl-Artikolu 15(3) ta' dan ir-Regolament, għandha tapplika għall-kwantitajiet kollha ta' zokkor abjad skont piż tel quel, ta' zokkor mhux irfinat ikkonvertit f'ekwivalenti ta' zokkor abjad jew, għaz-zokkor tal-konċessjonijiet CXL, ta' zokkor mhux irfinat skont piż tel quel importat f'ammonti li jaqbżu l-kwantitajiet li jintwerew fil-liċenzja tal-importazzjoni kkonċernata.

*Artikolu 8*

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni separatament għal kull kwota tariffarja jew obbligu ta' konsenja u għal kull pajjiż tal-oriġini:

(a) qabel tmiem kull xahar, il-kwantitajiet ta' zokkor, skont piż *tel quel* u f'ekwivalenti ta' zokkor abjad effettivament importati tliet xhur qabel;

(b) qabel l-1 ta' Marzu u għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti jew għall-perjodu ta' konsenja preċedenti, hekk kif ikun il-każ:

(i) il-kwantità totali effettivament importata:

— fil-forma ta' zokkor għall-irfinar, espress f'piż *tel quel* u f'ekwivalenti ta' zokkor abjad,

— fil-forma ta' zokkor mhux intenzjonat għall-irfinar, espress f'piż *tel quel* u f'ekwivalenti ta' zokkor abjad,

(ii) il-kwantità ta' zokkor, skont piż tel quel u f'ekwivalenti ta' zokkor abjad, li ġie effettivament irfinat.

*Artikolu 9*

1. Il-komunikazzjonijiet li jissemmew fl-Artikoli 5(1), 6(3) u (6), u (8) għandhom ikunu trażmessi elettronikament skont il-formoli mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri mill-Kummissjoni.

2. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jgħaddulha d-dettalji tal-kwantitajiet ta' prodotti ammessi għal ċirkolazzjoni libera skont kwoti tariffarji annwali u ftehimiet preferenzjali waqt ċerti xhur li għandhom jiġu speċifikati skont l-Artikolu 308d tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

KAPITOLU III

**IL-ĦTIĠIET TA' PROVVISTA TRADIZZJONALI**

*Artikolu 10*

1. Minkejja l-Artikolu 4(1), u fil-limiti tal-kwantitajiet għal kull Stat Membru li għalihom jistgħu jinħarġu liċenzji tal-importazzjoni għal zokkor għall-irfinar fil-qafas tal-ħtiġiet ta' provvista tradizzjonali li jissemmew fl-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat għal zokkor għall-irfinar jistgħu jitressqu biss minn:

(a) raffinaturi *full-time* stabbiliti f'dak l-Istat Membru sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni;

(b) kwalunkwe raffinatur *full-time* tal-Komunità mit-30 ta' Ġunju sa tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom iżommu reġistri ta' kull ġimgħa tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għal zokkor għall-irfinar, bl-eċċezzjoni tal-applikazzjonijiet mingħajr tnaqqis tar-rata sħiħa ta' dazju applikabbli għall-importazzjoni.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 5(3) ta' dan ir-Regolament, fejn, fi Stat Membru, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għal zokkor għall-irfinar għal sena ta' kummerċjalizzazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-applikazzjonijiet mingħajr tnaqqis tar-rata sħiħa ta' dazju applikabbli għall-importazzjoni, ikunu daqs jew ikbar mil-limitu li jissemma fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni li laħqu l-limitu tal-ħtiġiet ta' provvista tradizzjonali għall-importazzjoni tagħhom u, fejn ikun xieraq, għandhom jiffissaw koeffiċjent ta' allokazzjoni fi proporzjon għall-kwantità disponibbli li tapplika għal kull applikazzjoni għal liċenzja għal zokkor għall-irfinar għall-ġimgħa kurrenti.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(3), fejn l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni għal zokkor għall-irfinar, bl-eċċezzjoni tal-applikazzjonijiet mingħajr tnaqqis tar-rata sħiħa ta' dazju applikabbli għall-importazzjoni għal sena ta' kummerċjalizzazzjoni, ikunu daqs it-total tal-kwantitajiet li jissemmew fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri li fuq il-livell tal-Komunità ntlaħaq il-limitu tal-ħtiġiet ta' provvista tradizzjonali għall-importazzjoni.

Mid-data tan-notifika li tissemma fl-ewwel sottoparagrafu sa tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata, kwalunkwe parti tista' tapplika għal liċenzji għaz-zokkor għall-irfinar, ħlief għaz-zokkor AKP/tal-Indja fil-perjodu ta' konsenja li jibda matul dik is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni. F'dan il-każ, l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni għaz-zokkor AKP/tal-Indja għall-irfinar għandhom jitressqu skont il-paragrafu 1(a) u għandhom jiġu rreġistrati taħt il-ħtiġiet ta' provvista tradizzjonali għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni segwenti.

*Artikolu 11*

1. Fi żmien sitt xhur wara l-iskadenza tal-liċenzja tal-importazzjoni kkonċernata, kull detentur ta' liċenzja tal-importazzjoni għal zokkor għall-irfinar għandu jipprovdi lill-Istat Membru li ħariġha bi prova aċċettabbli għalih li l-irfinar seħħ. Fejn iz-zokkor ma jiġix irfinat fil-perjodu ffissat fl-Artikolu 4(4)(b), qabel l-1 ta' Ġunju wara s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata, l-applikant għandu jħallas ammont ta' EUR 500 għal kull tunnellata metrika għall-kwantitajiet ta' zokkor mhux irfinat ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri jew minħabba raġunijiet tekniċi eċċezzjonali.

2. Il-produtturi taz-zokkor approvati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, qabel l-1 ta' Marzu wara s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata, għandhom jiddikjaraw lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru l-kwantitajiet ta' zokkor li rfinaw f'dik is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni, billi jiddikjaraw:

(a) il-kwantitajiet ta' zokkor li jikkorrispondu għal liċenzji tal-importazzjoni għaz-zokkor għall-irfinar, fejn jagħtu n-numri ta' referenza għal-liċenzji in kwistjoni,

(b) il-kwantitajiet ta' zokkor prodotti fil-Komunità, fejn jagħtu r-referenzi tal-intrapriża approvata li pproduċiet dak iz-zokkor;

(c) kwantitajiet oħra ta' zokkor, fejn jiddikjaraw l-oriġini tagħhom.

3. Qabel l-1 ta' Ġunju wara s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata, il-produtturi taz-zokkor approvati għandhom iħallsu ammont ta' EUR 500 għal kull tunnellata metrika għall-kwantitajiet ta' zokkor fejn fir-rigward tagħhom:

(a) ma kienx hemm konformità mal-limitu taż-żmien li jissemma fl-Artikolu 4(4)(b),

(b) ma jistgħux jipprovdu prova aċċettabbli lill-Istat Membru li z-zokkor stabbilit fil-paragrafu 2(c) ta' dan l-Artikolu ma jkunx zokkor importat mhux intenzjonat għall-irfinar, jew, jekk ikun zokkor għall-irfinar, li ma ġiex irfinat minħabba raġunijiet tekniċi eċċezzjonali jew minħabba każ ta' forza maġġuri.

KAPITOLU IV

**IZ-ZOKKOR AKP/TAL-INDJA**

*Artikolu 12*

1. Il-kwantitajiet tal-obbligi ta' konsenja għal kull pajjiż li qed jesporta kkonċernat għandhom ikunu ddeterminati skont il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 39(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, skont l-Artikoli 3 u 7 tal-Protokoll AKP, l-Artikoli 3 u 7 tal-Ftehim ma' l-Indja u l-Artikoli 14 u 15 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet tal-obbligi ta' konsenja għal perjodu ta' konsenja:

(a) għandhom ikunu ddeterminati provviżorjament qabel l-1 ta' Mejju qabel il-perjodu in kwistjoni;

(b) għandhom ikunu adottati qabel l-1 ta' Frar tal-perjodu in kwistjoni;

(c) kultant għandhom jiġu aġġustati waqt il-perjodu in kwistjoni, jekk ikun meħtieġ, minħabba informazzjoni ġdida, b'mod partikolari biex jissolvew każijiet speċifiċi li ġew iġġustifikati b'mod xieraq.

L-obbligi ta' konsenja meqjusa għall-ħruġ tal-liċenzji, kif jissemma fl-Artikolu 5, għandhom ikunu daqs il-kwantitajiet li ġew iddeterminati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, aġġustati, jekk ikun meħtieġ, skont id-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikoli 3 u 7 tal-Protokoll AKP u l-Artikoli 3 u 7 tal-Ftehim ma' l-Indja.

3. Il-kwantitajiet tal-obbligi ta' konsenja għandhom ikunu ddeterminati billi jitqiesu:

(a) il-konsenji effettivament irreġistrati tul il-perjodi ta' konsenja preċedenti;

(b) il-kwantitajiet iddikjarati bħala kwantitajiet li ma setgħux ikunu kkonsenjati, skont l-Artikolu 7 tal-Protokoll AKP u l-Artikolu 7 tal-Ftehim ma' l-Indja.

Fejn il-kwantitajiet li għalihom inħarġu liċenzji tal-importazzjoni jaqbżu l-kwantitajiet tal-konsenji effettivament irreġistrati fil-perjodi ta' konsenja preċedenti, mingħajr preġudizzju għar-riżultati tal-investigazzjonijiet li għandhom isiru mill-awtoritajiet kompetenti, il-kwantitajiet nominali tal-liċenzji li għalihom ma kienx possibbli li tkun stabbilita l-importazzjoni effettiva fil-Komunità għandhom jiġu miżjuda mal-kwantitajiet li jissemmew fil-punt (a) tal-ewwel sottoparagrafu.

4. L-aġġustamenti li jissemmew fil-paragrafu 2(c) jistgħu jinkludu trasferimenti ta' kwantitajiet bejn żewġ perjodi ta' konsenja konsekuttivi, dejjem jekk dan ma jfixkilx l-arranġamenti ta' provvista li jissemmew fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

5. It-total għal kull perjodu ta' konsenja tal-kwantitajiet tal-obbligi ta' konsenja għall-pajjiżi differenti kkonċernati li qed jesportaw għandu jkun importat bħala zokkor AKP/tal-Indja skont l-obbligi ta' konsenja b'dazju ta' żero.

*Artikolu 13*

1. Id-data formali meta tiġi kkonsenjata konsenja ta' zokkor AKP/tal-Indja għandha tkun id-data tal-preżentazzjoni lid-dwana tal-konsenja li tissemma fl-Artikolu 40 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [1].

Għandha tkun ipprovduta prova tad-data formali tal-konsenja billi tkun ippreżentata l-kopja tad-dokument supplimentari li jissemma fl-Artikolu 17(1) jew fl-Artikolu 18(2) ta' dan ir-Regolament, kif ikun xieraq.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fejn l-importatur jipprovdi dikjarazzjoni mill-kaptan tal-bastiment ikkonċernat iċċertifikata mill-awtorità portwali kompetenti li turi li l-konsenja hija lesta biex tinħatt fil-port ikkonċernat, id-data formali tal-konsenja għandha tkun id-data meta l-konsenja tkun lesta biex tinħatt kif jintwera fid-dikjarazzjoni.

*Artikolu 14*

1. Fejn kwantità ta' zokkor AKP/tal-Indja li tkopri l-obbligi ta' konsenja kollha jew parti minnhom tiġi kkonsenjata wara l-iskadenza tal-perjodu ta' konsenja rilevanti, il-konsenja xorta waħda għandha tingħadd ma' dak il-perjodu jekk il-kwantità kkonċernata kienet mgħobbija fil-port li qed jesporta fi żmien xieraq, jekk jitqies it-tul ta' żmien normali tat-trasport.

It-tul ta' żmien normali tat-trasport għandu jkun in-numru ta' ġranet miksuba billi d-distanza f'mili nawtiċi tar-rotta normali li tissepara ż-żewġ portijiet in kwistjoni tiġi diviża b'480.

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal kwantità li kienet is-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 7(1) jew (2) tal-Protokoll AKP jew l-Artikolu 7(1) jew (2) tal-Ftehim ma' l-Indja.

*Artikolu 15*

1. Fejn, għal pajjiż partikolari li qed jesporta, il-kwantità totali ta' zokkor AKP/tal-Indja li tingħadd għal perjodu partikolari ta' konsenja tkun inqas mill-obbligi ta' konsenja, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Protokoll AKP jew tal-Artikolu 7 tal-Ftehim ma' l-Indja.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn id-differenza bejn il-kwantità tal-obbligi ta' konsenja u l-kwantità totali taz-zokkor AKP/tal-Indja mgħadud tkun ta' 5 % jew inqas mill-obbligi ta' konsenja u 5 000 tunnellata metrika jew inqas ta' zokkor espress bħala zokkor abjad.

3. Minkejja l-Artikolu 50(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, u sakemm ikunu koperti miċ-ċertifikat tal-oriġini li jissemma fl-Artikoli 16 u 17 ta' dan ir-Regolament, kif ikun xieraq, il-kwantitajiet importati fit-tolleranza pożittiva pprovduta fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 għandhom ikunu eliġibbli skont l-arranġamenti għaz-zokkor AKP/tal-Indja.

4. Fejn japplikaw il-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni, kif ikun xieraq, għandha tgħodd il-bilanċ tad-differenzi ma' l-obbligi ta' konsenja jew tnaqqsu minnhom.

*Artikolu 16*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u l-liċenzji għandhom jinkludu l-annotazzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-kaxxa 8: il-pajjiż tal-oriġini (pajjiż kopert mill-Protokoll AKP, jew l-Indja);

(b) fil-kaxxi 17 u 18: il-kwantità ta' zokkor f'ekwivalenti ta' zokkor abjad, li m'għandiex taqbeż l-obbligu ta' konsenja għall-pajjiż ikkonċernat stabbilit skont l-Artikolu 12;

(c) fil-kaxxa 20: il-perjodu ta' konsenja li jkunu relatati miegħu u mill-inqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fil-parti A tal-Anness III.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu akkumpanjati mill-oriġinal tal-liċenzja tal-esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li qed jesporta skont il-mudell fl-Anness II għal kwantità daqs dik fl-applikazzjoni għal-liċenzja. Din il-liċenzja tal-esportazzjoni tista' tkun sostitwita minn kopja ċċertifikata tal-prova tal-oriġini pprovduta fl-Artikolu 17 għall-pajjiżi koperti mill-Protokoll AKP jew fl-Artikolu 18 għall-Indja maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li qed jesporta.

3. Il-liċenzji għandhom ikunu validi sa tmiem it-tielet xahar wara dak meta nħarġu effettivament għaz-zokkor AKP/tal-Indja mhux intenzjonat għall-irfinar. Għaz-zokkor AKP/tal-Indja għall-irfinar, il-liċenzji għandhom ikunu validi sa tmiem il-perjodu ta' konsenja li nħarġu għalih jew, fil-każ ta' liċenzji maħruġa mill-1 ta' April, sa tmiem it-tielet xahar wara dak meta nħarġu effettivament.

4. Minkejja l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-liċenzji tal-importazzjoni li fil-kaxxi 15 u 16 jinkludu d-deskrizzjoni u l-kodiċi NM 1701 99 10 jistgħu jintużaw għall-importazzjonijiet:

(a) ta' zokkor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 11 10 fil-każ ta' liċenzja għal zokkor għall-irfinar;

(b) ta' zokkor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 11 90 fil-każ ta' liċenzja għal zokkor mhux intenzjonat għall-irfinar.

*Artikolu 17*

1. Bil-prova tal-oriġini li tissemma fl-Artikolu 14 ta' Protokoll 1 mehmuż ma' l-Anness V għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE, ma' l-importazzjoni għandu jkun ippreżentat dokument supplementari lill-awtoritajiet doganali, li jinkludi:

(a) mill-inqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fil-parti A tal-Anness III għal dan ir-Regolament;

(b) id-data tal-imbark tal-merkanzija u l-perjodu ta' konsenja kkonċernat;

(c) is-sottointestatura NM għall-prodott ikkonċernat.

Il-prova tal-oriġini għandha tkun valida indipendentement mill-perjodu ta' konsenja li jintwera fil-punt (b).

2. Il-prova tal-oriġini u d-dokument supplementari li jinkludi d-deskrizzjoni taz-zokkor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 99 jistgħu jintużaw, fejn ikun xieraq, għall-importazzjonijiet taz-zokkor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 11.

3. Il-parti kkonċernata għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, biex ikunu kkontrollati l-perjodu ta' konsenja u l-kwantitajiet, b'kopja tad-dokument supplementari li jissemma fil-paragrafu 1 li jinkludi:

(a) id-data, stabbilita fuq il-bażi tad-dokument tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar xieraq, meta ġiet ikkompletata t-tagħbija taz-zokkor fil-port tal-esportazzjoni.

(b) id-data li tissemma fl-Artikolu 13(1).

(c) l-informazzjoni relatata ma' l-operazzjoni tal-importazzjoni, b'mod partikolari il-grad ta' polarizzazzjoni indikat u l-kwantitajiet skont il-piż *tel quel* effettivament importati.

*Artikolu 18*

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, iz-zokkor li l-oriġini tiegħu tiġi ddeterminata skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità u li l-prova tal-oriġini tiegħu tiġi pprovduta fil-forma ta' ċertifikat tal-oriġini maħruġ skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandu jitqies bħala li joriġina fl-Indja.

2. Ma' l-importazzjoni, għandu jkun ippreżentat dokument supplementari lill-awtoritajiet doganali, li jinkludi:

(a) mill-inqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fil-parti A tal-Anness III;

(b) id-data tal-imbark tal-merkanzija u l-perjodu ta' konsenja kkonċernat, fejn il-perjodu li jintwera ma jkollu l-ebda impatt fuq il-validità, ma' l-importazzjoni, taċ-ċertifikat tal-oriġini;

(c) Is-sottointestatura NM għall-prodott ikkonċernat.

3. Iċ-ċertifikat tal-oriġini u d-dokument supplementari li jinkludi d-deskrizzjoni taz-zokkor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 99 jistgħu jintużaw, fejn ikun xieraq, għall-importazzjonijiet taz-zokkor li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1701 11.

4. Il-parti kkonċernata għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, biex ikunu kkontrollati l-perjodu ta' konsenja u l-kwantitajiet, b'kopja tad-dokument supplementari li jissemma fil-paragrafu 2 li jinkludi:

(a) id-data, stabbilita fuq il-bażi tad-dokument tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar xieraq, meta ġiet ikkompletata t-tagħbija taz-zokkor fil-port tal-esportazzjoni fl-Indja;

(b) id-data li tissemma fl-Artikolu 13(1);

(c) l-informazzjoni relatata ma' l-operazzjoni tal-importazzjoni, b'mod partikolari l-grad ta' polarizzazzjoni indikat, u l-kwantitajiet ta' zokkor mhux irfinat effettivament importati.

KAPITOLU V

**IZ-ZOKKOR KOMPLEMENTARI**

*Artikolu 19*

1. Il-kwantitajiet inqas milli suppost li jissemmew fl-Artikolu 29(4) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 għandhom jiġu ddeterminati skont il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 39(2) ta' dak ir-Regolament għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni jew parti minn sena ta' kummerċjalizzazzjoni fuq il-bażi ta' previżjoni Komunitarja eżawrjenti ta' bilanċ ta' provvista għal zokkor mhux irfinat. Dawn il-kwantitajiet għandhom ikunu importati bħala zokkor komplementari.

Sabiex jiġu ddeterminati dawn il-kwantitajiet, il-kwantitajiet ta' zokkor mid-dipartimenti Franċiżi lil hinn mix-xtut ta' Franza u ta' zokkor preferenzjali għall-konsum dirett li għandhom jitqiesu f'kull bilanċ ta' provvista għandhom jiġu evalwati kull sena fuq il-bażi tad-*data* mibgħuta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti.

2. Il-kwantitajiet li jissemmew fil-paragrafu 1, għall-ewwel għandhom ikunu ddeterminati qabel il-31 ta' Ottubru u għandhom jiġu emendati fil-31 ta' Mejju. Jekk ikun meħtieġ minħabba informazzjoni ġdida, il-kwantità ddeterminata tista' tkun aġġustata f'data oħra matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni.

*Artikolu 20*

1. Għall-importazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kwantitajiet li jissemmew fl-Artikolu 19, rigward zokkor mhux irfinat ta' kwalità standard għandu japplika prezz minimu ta' xiri (mingħajr cif fil-portijiet Ewropej tal-Komunità), li għandu jiġi mħallas mir-raffinaturi.

2. Il-prezz minimu ta' xiri għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni għandu jikkorrispondi għall-prezz iggarantit li jissemma fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

*Artikolu 21*

1. L-applikazzjonijiet għall-liċenzji tal-importazzjoni u l-liċenzji għandhom jinkludu l-annotazzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-kaxxa 8: il-pajjiż jew il-pajjiżi tal-oriġini (il-pajjiżi li jissemmew fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 318/2006);

(b) fil-kaxxi 17 u 18: il-kwantità ta' zokkor mhux irfinat, f'ekwivalenti ta' zokkor abjad, li ma tistax taqbeż il-kwantità inizjali li ġiet iddeterminata skont l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament;

(c) fil-kaxxa 20: is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni li jkunu relatati magħha u mill-inqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fil-parti B tal-Anness III.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu akkumpanjati minn:

(a) l-oriġinal tal-liċenzja tal-esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li qed jesporta jew ta' wieħed mill-pajjiżi li qed jesportaw skont il-mudell fl-Anness II għal kwantità daqs dik fl-applikazzjoni għal-liċenzja. Din il-liċenzja tal-esportazzjoni tista' tkun sostitwita minn kopja ċċertifikata tal-prova tal-oriġini pprovduta fl-Artikolu 22 għall-pajjiżi koperti mill-Protokoll AKP, jew dik ipprovduta fl-Artikolu 23 għall-Indja maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li qed jesporta;

(b) l-impenn min-naħa ta' raffinatur approvat skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 biex ikun żgurat li l-prezz imħallas ikun mill-inqas daqs il-prezz minimu li jissemma fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 22*

1. Bil-prova tal-oriġini li tissemma fl-Artikolu 14 tal-Protokoll 1 mehmuż ma' l-Anness V għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE, ma' l-importazzjoni għandu jkun ippreżentat dokument supplementari lill-awtoritajiet doganali, li jinkludi:

(a) mill-inqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fil-parti C tal-Anness III għal dan ir-Regolament;

(b) il-kodiċi NM 1701 11 10.

2. Il-parti kkonċernata għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li qed jimporta, biex ikunu kkontrollati, b'mod partikolari, il-kwantitajiet, b'kopja tad-dokument supplementari li jissemma fil-paragrafu 1 li jinkludi l-informazzjoni relatata ma' l-operazzjoni tal-importazzzjoni, b'mod partikolari l-grad ta' polarizzazzjoni indikat, u l-kwantitajiet skont il-piż *tel quel* effettivament rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera.

*Artikolu 23*

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, iz-zokkor komplementari li għalih tiġi ddeterminata l-oriġini skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità u li għalih tiġi pprovduta prova tal-oriġini fil-forma ta' ċertifikat tal-oriġini maħruġ skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, għandu jitqies bħala li oriġina fl-Indja.

